MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Numru 469/2003

**BERNARDETTE GRECH**

**Illum 11 ta' Lulju, 2003**

Il-Qorti.

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Bernardette Grech ta' 37 sena mart Mario bint Joseph Bartolo u Francis nee' Gigo, imwield Marsa fil-14 ta' Novembru, 1965, li joqghod 30A, Carini Street, Sta. Venera, detentura tal-karta ta' identita 522465 (M) giet akkuzata:

Talli f'Sta. Venera, fil-5 ta' April, 2003 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe talli:

Ikkommettiet deversi serqiet ta’ ammoniotti ta’ flus ta’ sittin (Lm 60) liri Maltin pero li kumplessivament jammontaw ghal aktar minn elf lira (Lm 1000) Maltin, mill-fond 340, Triq San Guzepp, Sta. Venera, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u li sar ghat-detriment ta’ Joseph Calleja.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. AC3 u nnutat li l-imputata ma ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja. Nnutat li l-imputata ammettiet l-akkuza. Spjegat bl-aktar mod solenni lill-imputata dwar il-konsegwenza tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien biex tiddeciedi jekk tikkonfermax tali ammissjoni jew le u wara li regghet giet mistoqsija jekk tridx tikkonferma l-ammissjoni taghha jew le l-imputata regghet wiegbet li hi hatja.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputata kkoperat mal-Pulizija u li diga’ ghamlet xi pagamenti akkont biex tirritorna r-rifurtiva lid-derubat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(d), 268 u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Bernardette Grech, fuq ammissjoni ta’ l-istess imputata, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali netta, li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputata kkoperat mal-Pulizija u li diga’ ghamlet xi pagamenti akkont biex tirritorna r-rifurtiva lid-derubat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputata Bernardette Grech ghall-piena ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-sentenza nkwantu ghall-piena ta’

prigunerija ma ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputata Bernardette Grech tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Bernardette Grech l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikoli 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------